**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 91/2022**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Owen Portelli**

**Illum, 10 ta' April,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Owen Portelli** detenur tal-karta tal-identita Maltija **184301L**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-20 ta' Gunju 2020, ghall-habta ta' 19:50 hrs gewwa l-istabilliment ta' LIDL f'Hal Luqa Malta.

1. Kellu fil-pusses tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha li tammonta ghall-piz komplessiv ta' 28.732 grammi, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta Malta

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-Ligi, ordnat lil-imsemmi Owen Portelli sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-

hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fil-Kap 9 fl-artikolu 533 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-16 ta' Frar 2022 , wara li rat l-artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal- Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu (inkwantu li nstabu 22 gramma) u kkundanatu għal sena prigunerija u għall-ħlas ta' multa ta' elf euro (€1,000). B'applikazzjoni tal-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' elf u tnejn u sittin Euro (€1,062) rappreżentanti ħlas tal-espert nominati. Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni ta' Dok PC5 u dan hekk kif din is-sentenza tkun għaddiet in ġudikat, u dan taħt il-harsien tar-Registratur li għandu jirrediġi proces-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Owen Portelli prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 ta' Mejju, 2022, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Thassarha u Tirrevokaha fejn sabitu hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih, u minnflok tiddikjarah mhux hati taghha u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena jew alternattivament, sussidjarjament tirriforma s-sentenza appellata inkwantu ghal piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern;

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

A. Illi, umilment jiġi sottomess li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha stante li ma setgħet qatt ikollha livell ta' prova sal-

konvinciment morali tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellantu dan għaliex il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jaqgħu 'il bogħod mill-grad rikjest mill- ligi;

B. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il- piena erogata fil-konfront tal-appellant u dan ghaliex l-piena fil-konfront tieghu moghtija mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) hija wahda eċċessiva;

**A. Apprezzament Zbaljat tal-Provi**

**i. Principji Generali**

Illi mingħajr pregudizzju ghas-suespost jiġi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, 1- Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha stante illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Qorti għażlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella tassumihom mingħajr ebda prova.

Illi preliminarjament jibda biex jinghad illi l-appellant ma ghandu għalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innoċenza tiegħu, filwaqt illi kif tiddetta l-Ligi u del resto, anke' jghallmuna l-Qrati taghna, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, w cioe beyond reasonable doubt, li tfisser li l- grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-teżi tagħha u cioe' tal- Prosekuzzjoni.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l- akkużi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

"*Il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa onus probandi incumbit qui osservit.*"

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a benefiċċju tal-imputat. Pero huwa veru wkoll kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:

"*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.*"

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru, 1997 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem iehor, dak li l- gudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-ħtija tal-akkużati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raġuni u fkaż li jkun hemm xi dubju ragonevoli, il- Prosekuzzjoni tiġi kunsidrata li ma ppruvatx il-każ tagħha ta' ħtija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera. Illi fl-umli fehma tal-appellant, u dan anke kif spjegat aktar fid-dettall f'dan ir-rikors, il-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova l-kaz taghha lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni, u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tillibera lil appellant anke fuq nuqqas ta' provi.

**ii. Nuqqas ta' Provi sal-grad rikjest mil-Ligi**

Illi jigi umilment rilevat li l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib provi inekwivoci u konklussivi illi l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv u l-ammont ta' cannabis jindika li d-droga misjuba kienet ghall-uzu personali tal-appellanti u mhux biex ikun hemm

spacc. Illi ghaldaqstant sabiex jigi sodisfacentament ippruvat ir-reat in disamina il-Qorti trid, wara li taghmel apprezzament approfondit tal-provi, tasal ghal konvinciment morali illi mic-cirkostanzi tista' safely and satisfactory tigbed inferenza u tikkonkludi illi kien hemm 1-intenzjoni posittiva diretta u specifika tal-ispace. Mhux kull cirkostanza illi tista' twassal xi suspett hija sufficenti, B'mod generali il-ligi ma tissanzjonax l-intenzjonijiet u hawa eccezzjonalment illi l-ligi tikkunsidra reat ikkunsmat (u mhux biss tentattiv) meta 1-intenzjoni kriminuza tkun ghada ma gietx attwata, u ghaldaqstant fl-umli fehma tal- appellanti wiehed ghandu jezercita cirkospezzjoni akbar f'kazijiet simili, u sabiex ma jinholqux ingustizzji I-intenzjoni tal-ispace ghandha tirrizulta b'mod konkret u inekwivoku u mhux sempliciment frott ta' kongetturi u supposizzjonijiet, liema intenzjoni QATT ma rrizultat fil-kaz odjern tal-appellanti;

Illi fil-fatt fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998) fl-ismijiet Il-Pulizjia vs Carmel Degiorgio, il-Qorti qalet hekk:

*Il-posizzjoni legali hi cara, il-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall- uzu esklussiv tal-pussessur.'*

Illi inoltre jigi rilevat illi l-ammont ta' droga misjub ma kienx wiehed sostanzjali u tali ammont ma jistax jigi kkunsidrat bhala wiehed li jaqa' barra l-parametri ta' uzu personali u esklussiv tenut kont anke tal-fatt illi l-appellanti kien persuna li jabbuza mid-droga. Nonostante cio kif ritenut diversi drabi mill-Qrati Maltin ghalkemm ammont ta' droga misjuba fuq il-persuna ta' bniedem jista' jindika l-intenzjoni ta' spacc, l-ammont ta' droga wahdu per se mhuwiex space u għaldaqstant sabiex jirrafigura l-element intenzjonali ta' spacc jinhtiegu cirkostanzi li lkoll flimkien jindikaw lill hin minn kull dubju dettatt mir- raguni illi dak l-ammont ta' droga kien se jkun traffikat mill-akkuzat u ma kienx intiz ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi f'dan l-istadju l-appellanti jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulzija vs John Gerada</u>**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar, tas-sena elfejn u sebgha (2007), fejn il-Qorti irriformat s-sentenza tal-ewwel Qorti, u sabet lil l-appellant hati ta' pussess semplici biss:

*L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li dak li nstab ma kienx esklussivament ghall-uzu personali ta' l-appellant a bazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet: "Jidher izda li meta l-Pulizija ghamlet ir-raid taghha sabu ammont sew ta' cannabis, madwar 39 gramma u li seba' mill-gratas kienu kwazi identici fit-toqol tagħhom. Ohrajn instabu f'bicciet tal-foil li l-imputat qal li kien juza biex il-cannabis ma tinxifx. Izda limputat qal ukoll li l-bicciet kollha kienu imnaggrin. Mela ma tantx jidher li kien hemm skop li dawn il-bicciet jibqghu f'bicca foil jekk kienu tnagqru. Kien hemm hames bicciet fil-foil gol-jewel box u bicctejn ohra fil-foil fil- mage. Fil-kcina nstabu wkoll 'xi bicciet tal-foil magtughin'. Barra dan il-mizien li nstab kien triched elettroniku "Sochnle' u maghduda f'dagga jigu wisq kumbinazzjonijiet mela takonsidra daton it-tliet elementi f'daqqa: (a) li wiched ikollu l-kannabis imqattgha tu (b) li l-mara tixtri l-mizien elettroniku lejliet it-tfittxija u (c) li jkun qed isir programm fuq it-televixin dwar il-fidda. Bir-rispett kollu, din il-verzjoni tal-fatti lill-Qorti ma tikkonvincihiex. Ma' dan kollu, il-Qorti qed tikkonsidra tekoll li kien hemm zewg (2) pakketti tal-brim tas-sigarretti tal-marka Rizla u li nstabu ma' ghoxrin bicca tal-kannabis b'seba' bicciet kwazi identici fil-piz. Fil felıma tal-Qorti, l-ispjegazzjonijiet li ta l-imputat mhumiex konvincenti fuq bazi ta' probabilita u meta wiehed jikkonsidra l-elementi msemmijin f'dan il-paragrafu flimkien hemın bizzejjed indizji ta' pussess ta' kannabis li ma kienx ghall-uzu personali biss ta' l-imputat minkejja li I imputat qal li kien juza bejn 8 u 10 joints kuljum. Fid-dawl tal-provi li kellha quddiemħa l-ewwel Qorti, dawn il-konsiderazzjonijiet li ghamlet huma ineccepibbli. Jigifieri hija hadet in konsiderazzjoni kull ma kellha u setghet tichu in konsiderazzjoni. Mix-xichda ta' l-ufficjal tal-probation Victoria Grech li nstemghet quddiem din il-Qorti pero, jirrizulta illi l-appellant kien "addicted ghall-marijuana" u dan jitfa' dawl differenti fuq dak li xehed l-appellant. [...]F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti sejra taghtih il-beneficcju tad-dubju u sejra ssibu hati biss ta' pussess semplici. In vista ta' l-ammont involut pero, jidhrilha illi l-ahjar mod ta kif l-appellant jista' b'xi mod irodd xi haga lis-socjeta filwaqt illi titkompla s-sorveljanza tieghu huwa billi jinghata ordni ta' probation u servizz fil-komunita, u dan wara li l-imsemmija ufficjal tal-probation*

*iddikjarat illi l-appellant huwa eligibbli u l-appellant stess indika lihuwa lest jogghod taht tali ordni.*

Illi inoltre fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Duncan Farrugia**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008), il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha, rreteniet illi:

*Fil-kaz in dizamina, kif diga intqal aktar il-fuq, si tratta ta' erbatax il-bicca cannabis bil- piz ta' 22.872 grammi li nxtraw ghall-prezz ta' mitt lira (Lm100). Huwa minnu li daroga li nstabet kienet diga' maqsuma f' bicciet zghar u mgerrba fbicciet tal-foil izda l-Qorti jidrilha li l-ammont involut m'huwiex daqshekk sostanzjali li jindika li d-droga kienet lesta sabiex tigi spaccjata, zmercjata jew distribwita. Inoltre ma rrizultawx cirkostanzi ohra li setghu b'xi mod jindikaw li tali droga ma kienitx ghall-uzu esklusiv tal-imputat bhal per ezempju il-fatt li ma kienx hemm xhieda li indikaw li akkwistaw id-droga minghand limputat jew inkella is-sejba ta' flus fil-pussess tal-imputat li setghat tindika li huwa kien qed jispaccja id-droga li nstabet fil-pussess tieghu [...] Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li s-sustanza mehuda mill- pjanta tal-cannabis li nstabet fil-pussess tieghu kienet ghall-uzu esklussiv tieghu u ghalhekk huwa qed jinstab hati biss ta' pussess semplici u mhux ta' pussess aggravat.*

Mi inoltre fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Christopher Azzopardi** moghtija nhar it-tletis (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) mill-Imhallef Antonio Mizzi l-Qorti tal- Appelli Kriminali rriteniet is-segwenti:

*Ma jistax jinghad li l-fatt wahdu li kellu l-pussess tal-eroina u li din kienet semplicement intenzjonata ghal huh ma tistax tigi definita bhala traffikar. L-att tal provvista kienet ghada mhux kompjuta. Ghandu jingħad li f' dan il-kaz l-eroina fl-ebda mument ma kienet accessibbli għal hu l- appellat biex ikun fpozizzjoni li johodha. Illi meta wiehed janalizza l-fatt li l-pulizija qatt ma kellmu lill-hu l-appellat biex jikkontrollaw jekk verament dik kienet l-intenzjoni ta' l-appellat ihalli dubju jekk dak li qal l-appellat hi verament il-verita' tal-fatt jew il-vertia kif kien*

*qed jahsibha hu. Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hu car li l-appellat ghandu jinsab hati ta' pussess tad droga eroina minghajr l-aggravanti mitluba.*

In oltre, ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet, **<u>Il-Pulizija vs. Elkien Cauchi</u>**, deciza mill- Qorti tal-Magistrati fl-14 tť'Ottubru 2021 fejn il-Qorti qalet hekk:

*Illi fil-verita l-ammont ta' droga misjuba ghalkemm mhux mhux wiehed irrizorju langas hu wiehed allarmanti. U ghalkemm s-sustanza kienet magsuma f'sachets individwali, fatt hafna drabi indikattiv ta' spacc, fil-kaz in ezami 1-Qorti ghandha dak il-lurking doubt u fin-nuqqas ta' prova ohra mhiex sodisfatta li r-reaita ta' l-imputat giet pruvata 'I hemm minn dubbju dettat mir-raguni fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni. Konsegwentement l-imputat qed jinstab hati biss tat-tieni imputazzjoni.*

Illi fl-ahharnett issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet, II-Pulizja vs Noel Buhagiar, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ghaxra (10) ta' April, tas-sena elfejn u tmienja (2008), fejn 1- Onorabbli Qorti ta' l-Appell rreteniet illi:

*'din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit ta' l-atti processwali biex tara jekk id-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti, fejn sabet lil l-appellant hati ta' pussess aggravat tad-droga...hu kellu mieghu sitt gratas kontenenti eroina apparti l-kontenut li kien hemm f'borza w li jkun ukoll fil-vicinanzi tad-detox centre, fejn hu risaput li jsir spacc tad-droga fuq bazi regolari, <u>ma tistax teskludi l- verzjoni li ta l-appellant...din il-verzjoni tista tigi accettata fuq bazi ta probabilita w minkejja s- suspett qawwi li jiggeneraw ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tarax li c-cirkostanzi necessarjament jistghu jwassluha ghac-certezza morali li dik id-droga ma kenitx ghal l-uzu esklussiv ta' l- appellant.</u>*

Illi jigi umilment rilevat illi fil-kaz odjern <u>l-ammont tad-droga</u> misjub huwa wiehed de minimis u huwa kompatibli mal-pussess ta' persuna li tikkonsma d-droga hi personalment mingħajr ma taqsama ma' terzi u li certament <u>m'hemmx kwantita ta droga li tendenzjalment issib f'xenarju ta' traffikar.</u>

lli għalhekk ic-cirkostanzi, li fihom instabu t-tracci tad-droga, kemm wehidhom u kemm fl-assjem taghhom ma jissodisfawx il-vot tal-ligi ghal dak li jikkoncerna space ta' droga. Illi hawnhekk issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, A-ismijiet Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi:

"... l-ewwel nett wiched ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe' il-prova tal-ammont u tal- pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni, jekk, pero, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."

**Illi certament mill-provi prodotti ma jirrizultax u ma giex ipprovat lid-droga li nstabet fuq il-persuna tal-esponenti ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Ta' min wiehed jinnota illi minkejja lill-Pulizija elevaw il-mobile tal-esponenti, lanqas biss qatt talbu sabiex issir analizi tal-kontenut u ghalhekk il-Qorti lanqas biss għandha f'idejha xi prova ta' messaggi li juru li verament din id-droga kienet intiza ghal terzi persuni. In oltre, minkejja li fl-okkorenza hemm imnzzel a fol. 8 lill-Pulizija kellha taghmel talba ghall-filmati tac-CCTV, jidher li lanqas dawn ma gew elevati.**

Illi meta l-appellant ghazel li jwiegeb ghad-domandi li sarulu mill-Ispettur waqt l-istqarrija, huwa spjega a tempo vergine x'inhi s-sustanza u l-fatt illi din kienet ghalih. Come di fatti huwa jghid:

*M: Din is-sustanza hi ghal uzu perosnali tieghek jew ghal xi haddiehor?*
*T: Iwa ghax jien nuza madwar tlett grammi kuljum. M: L-ewwel darba li ngabdt mill-Pulizija fuq droga?*
*T: Kelli kaz zghir fuq pussess, kelli joint.*
*M: Il-mizien ghaliex kien flimkien ma' droga? T: Biex nara li minn fejn xtrajtha ma jfottiniex fil-piz.*

Illi matul l-istqarrija lanqas biss saret referenza ghall-fatt li fuq l-appellant kienu gew elevati madwar tlett mija u ghaxar (€310) stante li fil-verita dan mhux xi ammont kbir li jindika dak li ppruvat tipprova l-Prosekuzzjoni matul il-mori tal-kawza. Illi in vista tas- suespost l-appellanti jikkontendi illi l-fatti speci tal-kaz in dezamina, bl-ebda mod ma jistghu qatt iwasslu ghall-htija tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu.

**iii. Il-Kontinwita' ta' Evidenza -Fejn u kif inzammet is-sustanza ma kienx konformi mal-ligi**

Illi l-Avviz Legali 121/2002 tal-Kap 9 jistipula illi a tenur tal-Artikolu 669 (2) tal-Kap 9 ir- Registratur tal-Qrati Kriminali, bl-approvazzjoni tal-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali, innomina lid-Direttur tas-Sahha sabiex izomm f'ismu l-medicinali perikoluzi;

Illi fl-ewwel lok, preliminarjament, jigi rilevat illi d-droga cannabis ezebita in atti u konsegwentement ir-relazzjonijiet kollha relatati maghha, ghandhom jigu sfilzati minn din l-Onorabbli Qorti, u dan stante illi mhux biss ma giex segwit dak rikjest mill-Avviz Legali 121/20, talli din l-inosservanza, taghti lok ghal difett procedurali serju dwar dik li hija l-kontinwita ta' evidenza li allura hija ukoll difettuza. Dan qed jinghad in vista tal- fatt illi l-esebit konsistenti f'sustanza suspettata droga ma gietx mizmuma fil-post indikat minn l-istess Avviz Legali, u cioe taht il-kustodja tad-Direttur tas-Sahha, izda minflok inzammet taht il-kustodja tar-Registratur tal-Qrati, u dan kif jirrizulta mill-atti.

Jirrizulta illi x-xjenzat Gilbert Mercieca kien fil-mori tal-atti, rtira mill-process id-dokument PC5 li kien jikkonsisti fl-esebitnumru K/B/16/2021 li kien fih evidence bag bin- numru tas-sigill: L00451132. Illi kif spjega l-istess xjenzat fix-xhieda tiegħu f'dan id- dokument "kien hemm diversi oggetti, fosthom boroz li kien fihom affarijiet ta' lewn ahdar, xi sigaretti residwi ta' sustanzai mizien elettroniku."

Illi l-Qorti f'dan ir-rigward qalet hekk:

*Mir-rapport jirrizulta li l-ezebit kien fih:*

*a. Borza tal-plastik li kien fiha 11-il borza tal-plastik b'materjal erbaceju*
*b. 9 boroz tal-plastik b'materjal erbaceju.*

*Piz medju tal-boroz: 0.95 g; Piz totali 21.4g.*

*Kien hemm ukoll:*

*Envelop tal-karti li kien fih materjal erbaceju (Piz: 0.634g)*

*Kien hemm ukoll:*

*Envelop tal-karti li kien fih 2 sigaretti*

*previdence bag kien hemm ukoll*

*Kaxza in lewn istved, zewg pakketti tas-sigaretti vojta u mizien elettronikit ta' lewn abjend;*

*Fl-evidence bag kien hemm ukoll*

*Basket tac-carruta ta' lewn iswed u pouch ta' lewn blu li kien fihom residwu ta' materjal erbaceju*

*Illi l-kampjuni mehudin mill-materjal erbaceju ta' lewn ahdar, li nstab gewwa l-pakketti tal-plastik u l-envelop inmarkati bhala PC5/101/A-B u PC5/102, tare rizultat pozittiv ghall-prezenza ta sustanzi kontrollati (Cannabis.)*

*Il-materjal ta' lewn ahdar gie identifikat bhala partijiet mill-pjanta tal-cannabis, b'piz totali ta' 22.0g, mqassımu gewwa 20 borza u envelop. Il-persentagg medju ta' Cannabinoid (A9-THC) fil- materjal ma kien ta' 13% b'valur fis-suq estimate ta' €1080.*

*Illi, fil-kampju ta' residwu mehud minn fuq mizien elettroniku (PC5/104) gew identifikatai residwi ta' kokaina u cannabis (A9-THC). Filwaqt illi, l-kampjun ta' residwu mehud minn gewwa basket tac-carruta u pouch (PC5/105) taw rizultat pozittiv ghall-prezenza ta' cannabis (A9-THC) u tabakk (nikotina).*

*Illi l-materjal ta' lewn kannella li nstab gewwa s-sigaretti (PC5/103) gie identifikat bhala tabakk (pozittiv ghan-nikotina).*

**iv. L-Applikabilita' tal-Artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija), Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi mingħajr pregudizzju ghal dak kollu hawn fuq suespost, l-appellant qieghed minn issa jirriserva d-dritt illi jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tikkonverti ruhha fQorti tad-Droga u dana stante li se mai jekk dan ir-reat verament gie komess, kien attribwibli ghad- dipendenza tal-appellant fuq id-droga.

Illi ghalhekk dan ifisser illi l-Artikolu 8 tal-Kap 537 huwa applikabbli ghac-cirkostanzi tal-kaz u dan peress illi r-rekwiziti kollha huma sodisfatti:

*(a) reat kontra l-ligijiet dwar id-droga jew kontra kull ligi ohra li biha l-persuna akkuzata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id- droga tal- akkuzat;*

*(b) reat kontra xi ligi oħra li mhix il-ligijiet dwar id-droga li biha l-persuna akkuzata hi mizlija ma jikkonsistix front volontarju kontra l-persuna jew fatt kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkuzata kienet fil-pussess ta' armi regolari jew bl-uzu ta' nar jew splussiv (li mhux il-kaz);*

*(c) li hemm ragunijiet oggettivi li jindikaw li l-persuna akkuzata x'aktarx tigi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li ghamlet progress jero sforz sostanzjali sabiex tehles mid-dipendenza mid-droga (li skond ix-xhieda tiegħu stess jidher li dan hu l-kaz klassiku).*

Ghalhekk l-appellant iqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Aritkolu 8 tal-Kap 537 huma sodisfatti, w ghalhekk l-appellant jikkwalifika sabiex ikun jista' jikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Illi l-appellant sabiex jipprova dan jixtieq illi jressaq provi in sostenn u dan kollu sabiex juru illi huwa kkommetta r-reati in kwistjoni minhabba d-dipendenza tieghu fuq id- droga, ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

**B. Piena Erogata**

Illi mingħajr preġudizzju għal dak kollu suespost, l-appellant qiegħed jinterponi dan 1- appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi 1- esponent umilment jirrileva illi l-piena moghtija hija wahda eċċessiva, u cioe' dik ta' sena prigunerija effettiva u għall-piena ta' multa ta' elf ewro (€1,000) u dan ghar-ragunijiet segwenti li ser jigu anke elaborati fit-trattazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti;

Illi qabel xejn għandu jigi kkunsidrat **li l-piena qatt m'ghandha sservi sabiex titpatta 1- hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru**.

Illi f'dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo:**

*Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil- ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost*

*affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

*Skop ichor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u shalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l- bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena.*

Mi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massinu, jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni tagħha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilane gust bejn d-diversi skopijiet li għandhom jintlahqu.......

Mi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li għandu bzonn ta xi tip ta riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwam'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;...

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anton Vassallo deciza mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

"*Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjalili jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta. Dan l-iskop*

*jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg*

*car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu 1- bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it- tajba u qieghed jagħmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is- socjeta' ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta permezz ta' servizz fil-komunita'. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed jaht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun henm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal- probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta" offiza dak is- sodisfazzjon li hija teppretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu,*

Illi inoltre fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Massimo Abela** deciza mill-Imhallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2018 intqal hekk:

*Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:*

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta'kondotta sa issa tajba, u li diga, bil-fatti, wera'; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil- maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il- possibilta' illi huwa jichu lezzjonijiet fid-delinkwenza tara illi huwa opportun illi*

*inehhi l- impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

*Illi imbaghad fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Maurice Agius, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat im funditus meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:*

*Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anthony Wood din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l- kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l- iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li gorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe' biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il- gudikant ma jridx jogghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe' biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux angas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja msemmi, tal- Artikolu 28A, jew bhalma wiehed*

*isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il- piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe' ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

*Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing "[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' Anthony Wood) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika 1- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).*

*9. Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jeto x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li għandhom jitqiegħdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita' tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta, il-hsara rizultanti, jekk wiched ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, 1-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix faktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan- nuggas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza uljew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat ichor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi*

*oıra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta u tar-reazzjoni tas- socjeta ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif gal Lord Justice Lawton fil-kawza* ***R v. Sargeant:***

**"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."**

Illi inoltre l-esponent jaghmel referenza ghall-ktieb bl-isem ta' Principles of Sentencing (Heinemann, London, 1979), ta' David Thomas, fejn intqal illi:

"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p.236)

Illi inoltre, qieghda ssir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), ta' nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, 2014, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Urry,** fliema decizjoni l-Qorti tenniet:

*F'dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga jigi kundannat ghat piena karcerarja otra fuq reati li huwa ammetta ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar fhajtu. [...]*

*Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Hatherly, din il-Qorti lesta li tielu r-riskju u li minflok terga tikkundanna lill-imputat ghal*

*piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tgeghdu taht ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barra l-konfini tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn (...).*

Fis-sentenza moghtija ricentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t'Ottubru 2019 fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'** gie kkunsidrat li:

*'6. Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistharreg jekk il- Qorti tal-Magistrati setghetx legalment u ragonevolment tasal ghas-sentenza taghha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx zbaljata fil-principju, jew jekk kienetx manifestament eccessiva. Kif gie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek deciza nhar il-25 t'Awissu 2005:*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell I said, "This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence, for this court to revise n sentence there must be some error in principle." Both*

*Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side - an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*2

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Magistrati li tiddeciedi fuq il-fatti tal-kaz, fuq jekk l-imputat ikunx hati jew le, u jekk hati, x'piena għandha tinghatalu. Jekk il-Qorti tal-Magistrati ma tkunx hadet xi zball fl-analizi tal-provi jew tal-Ligi, allura s-sentenza taghha tibqa' torbot u din il-Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew thassarha jekk ma jkunx hemm raguni valida ghaliex. Jekk pero 1- Qorti tal- Magistrati tkun hadet xi zball, imbaghad din il-Qorti għandha d- dmir li dak l- izball tirrangah.*

*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Magistrati applikatx piena li kienet manifestament eccessiva meta wiehed jiehu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li gie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deciza nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bhala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza moghtija mill-Qorti tal- ewwel istanza sempliciment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ghola minn dik li din il- Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien mehtieg' li l-appellant juri li l-piena moghtija mill- Qorti tal-Magistrati kienet toħrog barra mill-parametri tal-piena jew mizuri applikabbli għall-kaz. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma zbaljati fil-principju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni horox għal xi Gudikanti. Biex piena moghtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun*

*tista' tigi mibdula jrid jigi pruvat li kien hemm xi zball fil-principju meta giet emanata dik il-piena.*

*9. L-gustifikazzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq het principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jigifieri l-effett:*

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv;
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali socjali għal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara lis-socjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-socjeta tezigi li l-hati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' tagħha.

**L-aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biza li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata tohloq f'mohh is-socjeta, b'mod li dak li jkun jerga jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minħabba l-biza li tehel il-piena, persuna tigi mgeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuz.

*L-aspett preventiv għalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-ichor ta' natura specjali. L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, is- socjeta tigi kemm jista' jkun imrazna milli tikkommetti reati minħabba l- biza li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'ohra jerga jahsibha sew qabel ma jaghzel li jikser il-Ligi. Jekk is-socjeta titlef din il-biza mill-piena minħabba li l-Ligi penali tibda' titnaggar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir- rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma*

*jkun hemin xejn li jgieghel lill- membri tas- socjeta milli jiddezistu ghax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall- membri fi ħdan socjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall- interessi tal-kollettivita', Is- socjeta allura tehtieg' li l- piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall- ezistenza pacifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

Finalment hemm **l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv** tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, danskenon fuq l-aspett ta' trattament terapetotiku indivitwali, inmirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal- hati Dan l-aspett rijabilitativ huwa krucjali ghas-socjeta in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tiegtu innifsu biex jgħinu jingata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jika thedaid biex jiddelinkwi, billi jaghraf inum fug sot, jajeta did u majibqax aktar ta theddida ghas- socjela bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piera ghandu jkollha effetti riedukativi u korrezzjonali fuq il-hati. Biex dan 1- ghan jintlahaq, il-hati ghandu jsib dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettan dan il-perkors rijabilittativ u jigi mgħejjun itejeb l-imgieba tiegtu b'mod li għalhekk ikun jista jerga jigi reintegrat fis-socjeta, billi jigi riedukat, imheggeg jizviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tieghu, inkoraggit jahdem biex ikollu biex jerga jibni hajtu u jgħix dicenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawza b'eghmilu is-sens allura l- Carnelutti ţtenni li l-piena hija distinta mil-kastig, għalkemm għandha effikacja repressiva." F'dan

Illi bir-rispett jigi sottomess illi l-effett deterrenti tal-kamp penali li hadet in konsiderazzjoni l-Ewwel Qorti huwa wiehed esagerat u dan meta wiehed iqis illi llum il- gurnata huma bil-bosta l-insenjamenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-importanza li l-piena ghandna tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena..

Illi bir-rispett jigi sottomess illi l-effett deterrenti tal-kamp penali li hadet in konsiderazzjoni l-Ewwel Qorti huwa wiehed esagerat u dan meta wiehed iqis illi llum il- gurnata huma bil-bosta l-insenjamenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-importanza li l-piena ghandna tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena.

**Il- fedina penali netta tal-appellant**

**Illi fil-kaz odjern, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma jidhirx li taghat importanza ghall-fatt illi l-appellant odjern ghandu fedina penali netta u li huwa QATT ma xellef difru mal- ligi.**

F'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, **mhux bhal appellant**, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil- perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina,** deciza mil-Onorabbli Qorti tal- Magistrați fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **għandha tinghata cans iehor fil-hajja tagħha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla:

*'Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-regga kollha dovuta is-Socint Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli,* ***li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga... u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwn ghal dawn l-ahhar erba' snin... li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv...*** *Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li għalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal gabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali,* ***u***

***ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.'***

Fis-sentenza, **II-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

'Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il- mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s- semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil- konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tichu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill- Qriti ta' Gustizzja Kriminali, Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia 1- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bgija talkundanni, pero, jinvolvu multi u habs..."Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jgħid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta -angas ma tista' din il-Qorti tikkondividi 1-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. **Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.'**

Fl-isfond ta' dan kollu, jerga jigi umilment sottomess illi la darba anke persuna recidiva, b' diversi kundanni precedenti, tinghata opportunita ohra, u dan bil-ghan ahhari li ma tigiex imposta piena karcerarja, l-istess ghandu jkun fil-kaz ta' l-appellant li sahansitra ghandu kondotta netta. Jidher illi l-Ewwel Qorti skartat dan il-fatt b'mod komplet, u ibbazat il-piena mposta BISS fuq il-fatt illi r-reat huwa ta' natura serja.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

**Ikkunsidrat,**

**L-ewwel aggravju** tal-appellant Agius jirrigwardja l-apprezzament zbaljat tal-provi mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[1] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara***

[1] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

***jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[6]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[7]

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[6] 1969] 1 QB 276.
[7] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[8] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[9] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbaghad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[10]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq **il-kredibilita` tax-xhieda** u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

---

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

[10] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

*"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[11] *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[12] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** [13] jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[12] 1997 Edition Para 10-3.
[13] 1952.

*possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[14]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[15] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[16] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'mohhhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza taghhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebghet quddiem l-Ewwel Qorti.

---

[15] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[16] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

**Fl-NPS Report**[17] gie rrapurtat illi nhar l-20 ta' Gunju, 2020 f'7.30pm gewwa l-ghassa ta' Hal Luqa dahlet telefonata fejn vuci maskili infurmat li haddiem ta' Lidl Luqa kellu fil-locker tieghu haxixa li kien ghadu kemm ircieva minghand persuna maskili ta' statura medja, liebsa l-iswed. Kien sema lil din il-persuna tghidlu li fil-borza kellu l-haxixa u xamm ir-riha. Il-persuna qal li hu ma riedx jidher u li l-haddiem tal-Lidl kien certu Owen Portelli ghax kien ra l-isem fuq it-tag. PS 831 u PC367 marru fuq il-post fejn gie mfittex Owen u saret tfittxija fil-locker tieghu, li kien maghluq minghajr kantnazz jew *lock* u f'basket iswed instabet sustanza allegatament haxixa. Dak il-hin, 19.50 hrs Owen gie nfurmat li kien jinstab taht arrest u nghata d-drittijiet tieghu skond il-ligi. L-allegat sustanzi kienu jikkonsistu f' ghoxrin (20) borza zghira trasparenti tal-plastik, gew elevati mill-pulizija flimkien mal-mobile ta' lewn iswed tad-ditta *apple*, crusher ta' lewn isfar li fiha kien hemm allegatament sustanza ta' droga, €310 u £40, mizien ta' lewn abjad, zewg sigaretti imrembin, *pouch* ta' lewn ikhal u tlett imwies. Portelli qal lill-pulizija li id-droga li kienet fuqu minn x'hin dahal ghax-xoghol u li din kienet ghall-uzu personali tieghu. Portelli gie mittihed gewwa l-ghassa ta' Hal Luqa fejn gie moghti kopja tad-drittijiet. L-Ispettur Camilleri kien gie mgharraf b'dan kollu u kien ordna li ssir *search* fir-residenza ta' Portelli u wara dan tal-ahhar kellu jittiehed il-lock-up. Is-*search* fir-residenza rrizultat fin-negattiv. L-imsemmija allegat haxixa giet mittihda gewwa s-sezzjoni ta' kontra d-drogi u fil-prezenza ta' Portelli giet mizuna fejn irrizulta li l-ammont totali kien ta' 28.732g. Sussegwentament Portelli gie mitkellem mill-Ispettur Camilleri gewwa l-ghassa ta' Paola fejn inghata d-drittijiet tieghu u wara li kkonsulta mal-avukat tieghu rrilaxxa stqarrija. Portelli gie nfurmat li kien ser jitressaq b'arrest nhar it-22 ta' Gunju, 2020.

Portelli rrilaxxa **stqarrija**[18] fejn ikkonferma li jahdem Lidl Luqa u li nhar l-20 ta' Gunju 2020 l-pulizija kienu waqfuh gewwa Lidl Luqa. Hu kkonferma li l-pulizija sabulu fil-locker tieghu droga u cioe' kannabis li tammonta ghal 28.732 gramma. Hu stqarr li din kienet ghall-uzu personali tieghu peress li hu kien jiehu tlett (3) grammi kuljum. Jghid

[17] Fol. 7 et seq tal-process

[18] Fol. 9 et seq tal-process.

li precedentament kellu kaz zghir mal-pulzija dwar pussess ta' *joint*. Jghid li kellu mizien sabiex jikkonferma li minn fejn kien xtraha ma jfottihx fil-piz. Hu ma wegibx minn fejn u minn ghand min kien akkwista d-droga.

**<u>PS 831 Jonathan Bordieri</u>**[19] xehed nhar id-29 ta' Lulju, 2020 fejn qal illi nhar l-20 ta' Gunju, 2020 kienu rcivew telefonata ghall-habta tas-7.30 minn vuci maskili li xtaq li jibqa' anonimu fejn infurmahom li gewwa Lidl Luqa kien hemm persuna li ghadda basket iswed lill-haddiem tal-Lidl fejn allega li f'dan il-basket allegatament kien hemm il-haxixa. Il-persuna qal li l-haddiem kien certu Owen Portelli u mistoqsi kif kien jaf li kienet haxixa hu kien qal li mir-riha qawwija taghha li kienet tinxtamm. Sussegwentament hu u kollega tieghu PC 367 marru fuq il-post u cioe' Lidl Luqa u saret tfittxija ghal Owen Portelli. Ix-xhud gharfu quddiem l-Ewwel Qorti. Kien informa lil Portelli dwar ir-rapport li kien dahlilhom u marru fil-locker room. Hu kien talab lil Portelli sabiex johrog l-affarijiet mill-locker u dan tal-ahhar kien hareg basket iswed u qabel inharget id-droga, inxtammet riha qawwija ta' haxixa. Hemmhekk tah id-drittijiet, saret tfittxija fuq persuntu li rrizultat fin-negattiv izda kien fil-basket instabet id-droga. Portelli ittiehed gewwa l-ghassa ta' Hal Luqa fejn hemmhekk inghata d-drittijiet tieghu permezz ta' karta. Tah id-dritt li kellu dritt ma jitkellimx ghall-mistoqsijiet li kien ser isaqsih. Kellu d-dritt li jinforma lil xi hadd li kien arrestat u kellu d-dritt li jinforma lill-avukat tieghu qabel jigi mitkellem. Spjega li go l-basket l-iswed instabulu ghaxar (10) boroz tal-plastik zghar, disa' (9) boroz tal-plastik zghar, crusher, kif ukoll borza li fihom kellhom id-droga. Meta mistoqsi minn fejn kien gabhom hu ma wegibx izda zied jghid li kienet ghalih peress li hu kien jikkonsuma gramma kuljum. Instabu woll €310 u £40, mizien abjad, pouch ikhal zewg sigaretti mremblin u tlett imwies. Minn hemmhekk hu nfurma lill-Ispettur Paul Camilleri fejn kien tah struzzjonijiet sabiex l-affarijiet jihduhom maghhom fil-prezenza t' Owen u ssirlu tfittxija fir-residenza tieghu. Accedew fuq il-post u marru fil-kamra tieghu u ma rrizulta li kien hemm xejn. Sussegwentament ittiehed gewwa d-depot, fejn qabel ittiehed gewwa l-lock-up ittihed go kamra fejn intiznu d-droga fejn it-total kien

[19] Fol. 22 et seq tal-process.

jammonta ghal 28.732 grammi. L-uzin sar fil-prezenza ta' Portelli u kien hemm ukoll PC 367. Inghatat ircevuta lil Owen u l-ircevuti l-ohrajn gew mehmuza mal-affarijiet issigillati u sussegwentament Portelli ttihed gewwa l-lock-up.

**PC 367 Michael Sacco**[20] xehed nhar id-29 ta' Lulju 2020 fejn qal illi fl-20 ta' Gunju kien cempillu s-Surgent ghax kien qieghed xoghol barra u qallu li kellhom bzonn imorru l-Lidl ghax kienet dahlet informazzjoni li kien hemm impjegat li kellu xi droga fuqu. Hu ghadda ghas-Surgent gewwa l-ghassa ta' Luqa u baqghu sejrin Lidl Luqa. Is-surgent kien qallu li minn informazzjoni li kienet dahlet certu Owen Portelli, li huwa gharaf quddiem l-Ewwel Qorti, kellu d-droga fuqu. Huma marru l-Lidl, sabu lil Owen u kellmuh. Dahlu fil-*locker room* fejn Portelli kellu basket iswed u li fih kellu l-haxixa u affarijiet relatati mad-droga, bhal mizien u crusher. Is-Surgent infurmah li kien taht arrest, tah id-drittijiet u Portelli kien qalilhom li din id-droga kienet ghalih peress li jikkonsuma gramma kuljum. Id-droga kienet haxixa. Sussegwentament marru l-ghassa u tawh karta bil-miktub tad-drittijiet. Huma infurmaw lill-Ispettur u taghhom struzzjonijiet sabiex jaghmlu tfittxija fid-dar tieghu, fejn minn din tal-ahhar ma rrizulta kollox fin-negattiv. Minn hemmhekk Portelli ittihed fil-Kwartieri tal-Pulizija fejn hemm id-Drug Squad fejn intiznet id-droga u rrizulta li kellu 28 grammi punt xi haga. Jghid li kienu bil-boroz b'kollox ghax kienu ppakjati ndividwalment. Minn hemmhekk nizlu l-lock-up u gie mizmum hemmhekk.

**L-Ispettur Paul Camilleri**[21] xehed nhar l-20 ta' Jannar, 2021 fejn qal li hu kien l-Ufficjal Investigattiv ta' dan il-kaz fejn nhar l-20 ta' Gunju 2020, l-Ghassa ta' Hal Luqa ircivew telefonata anonima li gewwa Lidl Luqa kien hemm persuna bl-isem t' Owen Portelli, li huwa gharaf quddiem l-Ewwel Qorti, li jista' jkun ghandu xi sustanza illecita fuqu u cioe' go basket tad-drapp iswed. Il-pulizija tal-ghassa ta' Hal Luqa marru fuq il-post u kellmu lil Portelli. Staqsewh sabiex johodhom gewwa l-*locker room* u taghhom il-basket li kellu l-affarijiet go fih. Hu hadlu stqarrija l-gurnata ta' wara, fejn wiznu d-

[20] Fol. 26 et seq tal-process.
[21] Fol. 37 et seq tal-process.

droga jew is-sustanza, li Portelli ddikjara mieghu li kienet haxixa, u b'kollox kien hemm 28.732 grammi. Portelli qal li din id-droga kienet ghall-uzu personali tieghu billi hu jiehu madwar tlett (3) grammi kuljum. Portelli kellu kaz iehor ta'droga tat-tribunal, izda l-fedina ta' Portelli kienet netta u qatt ma kien ghadu tressaq quddiem il-Qorti. Mistoqsi minn fejn u minn ghand min kien xtara d-droga, Portelli ma wegibx. Hu esebixxa s-sustanza u l-affarijiet li nstabu maghha. Hu kkonferama l-istqarrija esebita fl-atti, gharaf il-firma tieghu u qal li prezenti ghal tali stqarrija kien hemm ukoll PC 219.

**L-espert Gilbert Mercieca**[22] xehed nhar id-9 ta' Gunju, 2021- fejn qal li kien inkarigat nhar l-20 ta' Jannar, 2021 sabiex jaghmel l-analizi fuq is-sustanzi. Jghid li l-analizi gie konkluz li kien hemm tnejn u ghoxrin (22) gramma bhala total li kienet ikkonfermata bhala partijiet mill-pjanta tal-kannabis u kien hemm ukoll xi residwi tal-kannabis u tabakk fuq diversi oggetti. Huwa pprezenta r-rapport tieghu mmarkat bhala Dok GM.

Rat illi permezz ta' rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-/qorti nhar it-18 t' April, 2022, l-appellant *in breve* talab lil din il-Qorti sabiex tirreferih quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u dan ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi nhar it-12 ta' Mejju, 2022 il-kawza giet differita sabiex l-appellant iressaq il-provi tieghu dwar id-dipendenza tad-Droga.

**L-Ispettur Paul Camilleri**[23] xehed quddiem din il-Qorti nhar is-26 ta' Mejju, 2022 fejn rega' tkellem dwar il-fatti li kien xehed quddiem l-Ewwel Qorti u qal li kien iddikjara mieghu li kellu dipendenza qawwija fuq il-haxixa. Jghid li Portelli dejjem obda l-istruzzjonijiet tal-pulizija u attenda l-Qorti. Jghid li gieli kellmu wara s-seduti u minn kif ikellmu kien jarrah sejjer mhux hazin. Portelli kien qallu li qed jipprova jnaqqas id-

[22] Fol. 43 et seq tal-process.
[23] Fol. 105 et seq tal-process.

dipendenza. Spjega li min-naqra li jarah okkazjonalment jidher li ma kienx qieghed daqshekk *heavy* bhal qabel. Hu ddikjara li Portelli kien dipendenti fuq il-haxixa u ghamel kambjament matul il-mori tal-kawza.

**Maria Caruana**[24] xehedet nhar is-26 ta' Mejju, 2022 fejn qalet li Portelli beda l-kuntatt mal-Caritas lura f'2020. Huwa kien attenda sessjoni f'27 ta' Lulju, 2020 fejn prezenta l-uzu tal-Cannabis. Portelli ma kienx motivat li jibqa' jattendi sessjonijiet individwali u spjega li din is-sessjoni kien attenda ghaliha sabiex hi taghti *feedback* lil Appogg li kien mar ghal sessjoni hekk kif kien mitlub minnu, minhabba d-decizjoni dwar ohtu minuri kelliex tirritorna lura fil-familja jew tibqax go *care home*. It-tieni sessjoni kienet ibbukjata ghal Settembru 2020 u kien mar ghaliha minghajr maskla u sakemm qaltlu li kienet ser tghaddilu maskla mill-intercomp huwa telaq. Sussegwentament hu rega' beda jattendi f'2021 fejn attenda ghal sessjonijiet ohra ma kollega taghha Karen Gafa'. Il-feedback li hadet minn din tal-ahhar kien li ma riedx jibqa' jattendi infatti ma attendiex aktar. Bhala kampjuni tal-urina hu kien halla wiehed nhar is-17 ta' Novembru, 2020 u wiehed nhar l-1 ta' Dicembru, 2020 fejn kienu rrizultaw negattivi ghal kull sustanza illecita.

**Maria Caruana**,[25] regghet xehedet nhar it-30 ta' Gunju, 2022 fejn Caruana qalet illi susegwentament ghall-Ordni tal-Qorti sabiex Portelli jaghti kampjun tal-awrina, ittiehdu kampjuni nhar l-10 ta' Gunju, nhar is-17 ta' Gunju, 22 ta' Gunju u 28 ta' Gunju u rrizultaw fin-negattiv. Ikklarifikat illi l-ahhar rizultat tat-28 ta' Gunju kienu ghadhom qed jistennew r-rizultat tieghu. Kompliet tghid li Portelli kien qed ikollu sessjonijiet ma kollega taghha Michael Spiteri. Kellu zewg sessjonijiet u kellu ohra gejja nhar it-12 ta' Lulju. Tghid li kien sejjer tajjeb anke fuq xoghol. Tghid li qatt ma kien ardit imma anke biddel kif jitkellem u qed ikun puntwali. Ikkonfermat illi kull test tal-awrina li kienet haditlu hi kien irrizulta fin-negattiv u l-atteggjament tal-appellant kien inbidel mis-seduta tal-Qorti li kellu precedentament.

[24] Fol. 107 et seq tal-process.
[25] Fol. 116 et seq tal-process.

**PS 831 Jonathan Bordieri**[26] xehed nhar it-30 ta' Gunju, 2022, fejn qal illi meta kien gie arrestat Portelli kien stqarr mieghu li d-droga kienet ghalih ghaliex hu kien jikkonsuma gramma kuljum. Jghid li kien involut fi tfittxija fir-residenza ta' Portelli fejn dan tal-ahhar ikkollabora u ma fixkilx il-pulizija. It-tfittxija rrizultat fin-negattiv.

**PC 367 Michael Sacco**[27] xehed nhar it-30 ta' Gunju, 2022, fejn qal li Portelli kien qal li jikonsuma gramma haxixa kuljum. Jghid li d-dar ta' Portelli ma kien instab xejn.

**Dr Roberta Holland**[28] xehedet nhar is-6 ta' Settembru, 2022 fejn prezentat ir-rapport taghha u qalet illi rat lill-appellant rigward l-istorja tieghu t'uzu ta' sustanzi u rigward il-progress. Tghid li kien hemm fatturi fil-hajja tieghu li setghu jippredisponu imgieba problematika inkluz uzu ta' droga. Hu beda b'mod tipiku f'eta' zaghzugha pero' mbghad minhabba c-cirkostanzi zviluppa dipendenza. Hu kien jiddependi mill-kannabis izda kien hemm ukoll abbuz ta' stimulanti ohra u kokaina. Mal-kaz odjern kien hemm xi daqsxejn xokk fuqu, inghalaq daqsxejn fih innifsu u kien waqaf inizjalment, pero' mbghad ovjament anke minghajr sapport u wahdu bid-diffikultajiet ohrajn li kellu, kien hemm *relapse*. Ghalkemm l-uzu tal-kannabis rega' gie wiehed regolari, l-uzu tal-istimulanti ma kienx daqshekk problematiku izda xorta prezenti. Dawn l-ahhar sentejn rega' beda jaqbad naqra stabbilta'. Portelli zamm l-istess xoghol, l-uzu tal-kannabis gie wiehed medicinali u l-uzu ta' l-istimulanti u l-kokaina naqas tant li mill-ahhar li kienet kellmitu, kif qalilha hu, fl-2022 ma ghamel ebda uzu ta' stimulanti. Xi testijiet li kien ha u tkellmet ma professjonisti ohra ukoll kienu rrizultaw fin-negattiv. Tghid li ghandu bzonn l-ghajnuna ghaliex hemm certi fatturi li jibqghu prezenti u jista' jmur zewg nahat ghalhekk jekk forsi jinghata l-ghajnuna hemm izjed possibilta' li jibqa' fit-triq it-tajba. Fil-prezent kien qed jiehu l-kannabis medicinali Tghid li idealment ikun segwit jew minn ufficjal tal-probation jew xi agenzija tar-rijabilitazzjoni tad-droga. Tghid li jistghu jittiehdu testijiet illi permezz taghhom hu jkun jista' jkun issorveljat. Spjegat illi kellha madwar hames (5) sessjonijiet ma Portelli,

[26] Fol. 118 et seq tal-process.
[27] Fol. 120 et seq tal-process.
[28] Fol. 180 et seq tal-process.

ta' 45/50 minuta. Qalet illi tkun ghamlet ukoll sessjoni twila *face-to face* ghal madwar saghtejn u tibqa' titkellem mieghu online jew telefon. Jirrizultala illi kien ilu madwar sena jew ftit inqas bil-kannabis medicinali.

**Charisse Boffa**[29] xehedet nhar is-6 ta' Settembru, 2022 fejn esebiet kopja tar-rapport taghha u qalet li ltaqghet ma Owen diversi drabi fejn ittihdulu wkoll diversi testijiet tal-awrina. Tghid li minn informazzjoni migbura jidher li Owen kellu trobbija u tfulija pjuttost difficli minhabba diversi fatturi. Hi tghid ukoll li tkellmet ma ommu u ghamlet zjara fir-residenza tieghu fejn hija kienet spjegatilha li Owen kien pjuttost persuna sensittiva hafna u riservat u d-diffikultajiet tieghu mhux xi wiehed li jitkellimhom mal-familja. Owen kien qalilha li beda jpejjep minn meta kien ghadu *teenager* u dan kien ikkonfermat minn ommu. Hu ma jharisx lejn il-problema bhala *addiction* izda jhoss li l-kannabis tghinu sabiex jinqata' naqra mir-realta'. Tghid illi t-testijiet tal-awrina irrizultaw fin-negattiv ghall-eroina u kokajina, filwaqt li rrizultaw kollha fil-pozittiv ghall-kannabis. Tghid li hemm anness mar-rapport certifikat ta' Dr Francis Fenech tal-Medical Cannabis fejn hemmhekk l-ahhar certifikat datat Lulju 2022 jghid li kien qed juza l-kannabis minhabba ugigh f'daru. Tghid li Portelli beda jahdem minn eta' zghira u fil-prezent kien ilu jahdem mas-Centercom ghall-ahhar sentejn u anke ricenti kien inghata promozzjoni. Tghid li bhala pjan ta' kura importanati li jzomm l-istabbilt'' anke billi jingagga ruhu f'attivitajiet bhal gym u qari. Issugerit li jinghata naqra iktar ghajnuna bhala *counselling*, bhala sorveljanza sabiex forsi johrog iktar certu diffikultajiet li ghadda minnhom sabiex ikollu ftit iktar coping skills.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Settembru, 2022 l-Avukat generali ddikjara li wara li ha konjizzjoni tar-rapport imhejji minn Dr Roberta Holland jghid li m'ghandux oggezzjoni li din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga

[29] Fol. 187 et seq tal-process.

Rat illi konsegwentament din il-Qorti laqghet it-talba t' Owen Portelli u kkonvertiet ruhha f' Qorti ta' Droga u ordnat komunika tal-verbal lill-Bord tar-Rijabilitazzjoni dwar Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat illi permezz ta' nota pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-8 ta' Marzu, 2024, il-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga qal li jinsab sodisfatt bil-process ta' rijabilitazzjoni ta' Portelli u ghalhekk kien qed jaghlaq il-kaz tieghu b'success.

Semghet is-sottomisjinijiet tal-Partijiet nhar it-13 ta' Marzu, 2024.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-appellant instab hati mill-Ewwel Qorti ta' pussess aggravat tal-pjanta Cannabis jew bicciet minnha. L-appellant madankollu qed isostni illi d-droga kienet ghall-uzu esklussiv tieghu. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Jonathan Mifsud**'[30] ġie kkunsidrat li:

> '*Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis- sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mohammed Ben Hassen Trabelsi** tas-17 ta' Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta' jekk ammont ta' droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat o meno ghandha tigi ezaminata:*
>
> ***"l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il- prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma***

[30] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ottubru, 2010 (Appell Kriminali Numru. 173/2010)

***jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l- ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."***

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. N. Grixti) Vs Emmanuele Magro'</u>**[31] ġie kkunsidrat:

*'Illi dwar l-aggravju fir-rigward tas-sejbien ta' htija tal- akkuza ta' pussess 'aggravat' tal- eroina, l-Ewwel Qorti ukoll ghamlet analasi akkurata tal-provi w c-cirkostanzi tal- kaz. U, wara li qieset il-gurisprudenza relattiva, kkonkludiet li kien hemm bizzejjed provi biex iwassluha ghall-konvinciment morali li l-appellant kien hati ta' din l-akkuza. Fost dawn ic-cirkostanzi, l-Ewwel Qorti semmiet il-kwantita' tal-eroina misjuba w il-fatt li kienet ippakkettata bil-lest f' disgha w ghoxrin (29) sachet, meta, kieku kienet ghall-uzu tal-appellant,* ***<u>ma kienx ikollu ghalfejjn joqghod jippakketta go sachets daqshekk droga minn qabel.</u>***

*Is-sottomissjonijiet maghmula mill-abbli difensur fir-rikors tal-appell u waqt it-trattazzjoni dwar dan l-aggravju ma jwasslux lil din il-Qorti biex tissostitwixxi id-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Ewwel Qorti.'*

Sentenza oħra li kkunsidrat iċ-ċirkostanzi li juru li pussess ma jkunx għall-użu esklussiv hija dik fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Neville Aquilina) vs Brian Caruana'[32]</u>** fejn ġie kkunsidrat li:

*'Dwar l-aggravju l-iehor tal-appellant li ma rrizultawx cirkostanzi tali li juru li d-droga misjuba ma kienetx ghall-uzu personali tal-appellant,*

[31] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Frar, 2008 (Appell Kriminali numru: 325/2007)
[32] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Mejju, 2002 (Appell numru: 167/2001 JGD)

*din il-Qorti wara li fliet il-provi kollha ma tarax li l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward kienet wahda "unsafe and unsatisfactory"u fuq dan l-apprezzament ta' fatt din il-Qorti ma tarx li ghandha ghalfejn tiddisturba il-gudizzju tal-ewwel Qorti.*

*Illi fattur kurjuz u ta' certa rilevanza umbaghad johrog mill-istess stqarrija tal-appellant fejn jghid li gieli marru nies ghandu sabiex jitolbuh id-droga, izda skond hu qatt ma kien ta ll hadd. Kieku kien veru li hu sab id-droga in kwistjoni b'xi wahda miz-zewg modi solitarji u b'kumbinazzjoni li jghid li sabha u kien biss kulltant jaghmel uzu minnha wahdu, wiehed legittimament jistaqsi: kif griet il-kelma u kienu sahansitra jmorru in-nies ghand l-appellant u jitolbuh id-droga? Minn dan il-fatt ammess mill-istess appellant jidher li hu kien maghruf fic-cerkji tad-droga bhala wiehed li ghandu il-mezzi kif jista' jissodisfa il-bzonn ta' persuni ohrajn ghall-istess droga u din hija indikazzjoni ohra li setghet legittimament u logikament twassal lill-ewwel Qorti ghall-konkluzzjoni minnha raggunta.*

*Indikazzjoni cirkostanzjali ohra hija l-mizien elevat mir-residenza tal-appellant. Wiehed jistaqsi: jekk hu minnu li l-appellant kull ma kien jaghmel bid-droga li suppost sab, kien li jpejjep xi wiehed kulltant, xi bzonn kellu li jkollu mizien jekk mhux biex ikejjel u jqis il-piz ta' partiti tad-droga li kien ser jghaddi jew li kien jghaddi lil terzi? Biex irembel cigarrett ghalih wahdu, ma kellux bzonn mizien, ghax anki jekk irembel ftit inqas jew ftit aktar minn daqshekk droga li kellu, ma kien ser jigri xejn. Wiehed ukoll jistaqsi jekk l-appellant kien juza id-drpga wahdu xi bzonn kien hemm li parti minnha tkun ippakkjatha ghall-lest go kaxxi ta' sulfarini, b'mod li hu risaput kif din id-droga tghaddi minn id ghall-ohra?*

***Illi l-insenjament li ghalih ghamel riferenza l-appellant fis-sentenzi citati fir-rikors tieghu, ghandhu indubbjament il-portata tieghu, izda kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal- provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il- gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli.'.***

Kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Ernest Briffa':**[33]

*'Rigward il-flus li kellu fuqu l-appellant u li l-ewwel Qorti awtorizzatu li jirriprendi, evidentement l-ewwel Qorti emmnet li l-flus, jew almenu parti sostanzjali minnhom, kien tahomlu missier l-appellant ghall-iskop imsemmi kemm mill-appellant kif ukoll minn missieru. Logikament ukoll, ladarba l-appellant kien ghadu kemm hareg mid-dar fejn kien qieghed taht osservazzjoni, huwa ma kien ikkonsenja droga lil hadd u ghalhekk ma kienx ircieva flus.*

*Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac- cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl- Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Noel Borg** deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*

[33] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Jannar, 2011 (Appell Kriminali Numru: 277/2010)

*"Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Marius Magri'**[34], dawn il-kazijiet mhux l- ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l- Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal- pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio**"[35]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri"**[36])*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lawrence Fabri**,[37] l-Qorti tal-Appell ghamlet referenza ghall-gurisprudenza Ingliza rigward dawk ic-cirkostanzi li jistghu jghinu lill-Qorti sabiex tasal ghall-konkluzzjoni dwar jekk il-pussess kienx wiehed aggravat jew semplici:

*"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

- *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
- *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*

[34] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 2005.
[35] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Awissu, 1998.
[36] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Settembru, 1999.
[37] Deciza nhar is-27 t' April, 2017.

- *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*
- *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*
- *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*
- *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*
- *Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*
- *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant lifestyle which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*
- *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case. (www.cps.gov.uk)"*

Illi din il-Qorti mill-provi prodotti u mic-cirkostanzi kollha tal-kaz temmen illi l-imputazzjoni ta' pussess aggravat tal-pjanta tal-kannabis jew partijiet minnha, giet ippruvatha mill-Prosekuzzjoni sal-grad rikjest mill-Ligi. Din il-Qorti tifli fost affarijiet ohra:

- id-droga kif giet misjuba u cioe' mqassma go ghoxrin (20) pakkett tal-plastik

- il-valur medju fuq is-suq hu ta' madwar €1080 u dan ghall-tnejn u ghoxrin (22) gramma li kellu fil-basket l-appellant. Ghalkemm jidher bic-car li l-appellant kien 'user', wiehed jistaqsi kif haddiem go stabbiliment tax-xiri kif kien hu fuq bazi part-time minkejja li kien jahdem iktar, xtara dak l-ammont kollu ta' droga f'daqqa' ghalih biss u ghall-madwar dak il-prezz;
- il-mizien li nstab li kien qed igorr mieghu;
- il-flus kontanti f'*currency* differenti u cioe' €310 u £40;
- il-fatt li *a tempo vergine* kien stqarr mal-pulizija illi hu jiehu gramma kuljum u sussegwentament lill-Ispettur qallu li jiehu madwar tlett (3) grammi kuljum;
- li kieku din id-droga kienet fil-verita' intiza kollha ghalih u kienet fuqu u mhux ghaddijielu xi hadd kif stqarr l-appellant innifsu, x'kien qed jaghmel igorr dak l-ammont kollu mieghu fuq il-post tax-xoghol jew mhux bl-intenzjoni ta'spacc?

Dawn il-provi, kif ukoll c-cirkostanzi li nstabu fihom iwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet illi id-droga ma kienitx ghall-uzu esklussiv tal-appellant.

**Ikkunsidrat,**

Fir-rigward tal-piena din il-Qorti kkunsidrat is-segwenti:

Illi dan il-kaz imur lura erba' snin fejn l-appellant Portelli kien ghad ghandu dsatax (19)-il sena. Jirrizulta bic-car, anke mix-xhieda li ddeponew quddiem din il-Qorti, illi Portelli kien dipendenti fuq il-kannabis u sahansitra anke kien jabbuza minn xi sustanzi ohra. Illi antecedentament irrizulta li kellu kaz quddiem it-Tribunal, madankollu ma kienx hemm reati oltre mnizzlin fil-fedina penali tieghu.

Illi pendenti dawn il-proceduri din il-Qorit rat li l-appellant irregistra progress sostanzjali f'hajtu u din ir-riforma fil-hajja tal-appellant hija wkoll evidenti mill-provi mismugha minn din il-Qorti meta saret it-talba mid-difiza fit-termini tal-Artikolu 8

tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, izda fuq kollox tohrog mir-rapport imhejji minn Dr Roberta Holland u mir-rapport tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabbdu bid-Droga minn fejn allura jirrizulta illi l-appellant huwa kandidat idoneju sabiex fil-konfront tieghu jigu applikati d-dettami tas-subartikoli (7) u (8) tal-Kapitolu 537 li jiddisponu testwalment:

> *(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:*
>
> *Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.*
>
> *(8) Fl-għoti tas-sentenza fil-każijiet li għalihom japplikaw issubartikoli (5), (6) u (7), il-Qorti tista' wkoll tordna li kull reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja, minbarra reat li għalih il-persuna akkużata ingħatat sentenza ta' priġunerija mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, m'għandux jittieħed f'konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta wara li jgħaddi perjodu li jkun minimu ta' sena u massimu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza tal-Qorti sakemm il-ħati ma jsirx reċidiv.*

Illi allura ghalkemm l-appellant fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat lilu addebitat kellu dipendenza fuq il-kannabis, illum jiehu l-kannabis medicinali u jghix hajja stabbli. L-appellant Portelli ghadu zghir fl-eta' u ghaldaqstant jehtieg li din il-Qorti tara illi bil-piena mposta jkollu gwida sabiex jibqa' mixi fit-triq it-tajba.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ, għandu japplika dak dispost fl-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu b'dan ghalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reat li dwaru l-appellanti gie misjub ħati kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tieghu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu ta' prigunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern. Tqis ukoll illi in vista tal-emendi legislattivi ricenti fir-rigward tad-droga kannabis, kif ukoll l-eta' zghira li ghad ghandu l-appellant u l-gwida u l-osservanzja li huwa jehtieg sabiex tghinu jibqa' mixi fit-triq it-tajba, ordni ta' probation ghandha tigi mposta fuq l-istess appellant f'dan ir-rigward.

Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qeghda tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant gie misjub hati tal-akkuza fil-konfront tieghu, izda tvarja l-piena inflitta, tghaddi sabiex timponi Ordni ta' Probation ghal terminu ta' tlett (3) snin ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u li jekk Portelli jonqos li jhares din l-istess Ordni, jew jaghmel xi reat iehor matul dan il-perjodu, ikun jista' jigi kkundannat ghar-reat li ghalih nstab hati minn din il-Qorti. Ghaldaqstant, il-Qorti qedgha tqieghed lill-appellant Owen Portelli taht sorveljenza t' Ufficjal ta' Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-Owen Portellu bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-

kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, tista tingħata sentenza għar-reat li tieghu nstab hati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Il-ħati jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas- Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Owen Portelli. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

Din il-Qorti qeghda tikkundanna inoltre l-appellant Portelli ghal hlas ta' multa ta' elf euro (€1000).

Il-Qorti qed tikkonferma is-sentenza appellata fejn l-appellant gie ikkundannat fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez peritali ammontanti ghal €1,062.

Il-Qorti tikkonferma ukoll is-sentenza appellata fejn din ordnat id-distruzzjoni ta' Dok PC5 u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jidderigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema document ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax (15)-il jum minn tali distruzzjoni.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Maria Grech
Deputat Registratur

**Qorti tal-Appell Kriminali**

ORDNI TA' PROBATION (MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

Imhallef Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D

Illum: 10 t' April, 2024

**Il-Pulizija (Spettur Paul Camilleri) vs Owen Portelli**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, Owen Portelli, numru tal-karta tal-identita 184301L misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation u ġiet mpoġġija taħt Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Wara li fissret lill-ħatja bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skond l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk tonqos li tħares din l-Ordni jew tagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' tliet snin mil-lum, ikun jista' jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed tiġi magħmula din l-Ordni, u illi l-ħati wera li jrid iħares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation;

Għalhekk tordna li l-ħati Owen Portelli li joqgħod Blk 2, Flat 2, Triq il-Gebel Birzebbugia, jkun għal perjodu ta' tliet snin millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Probation taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-ħatji għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jżomm dak il-kuntatt meħtieg u mitlub mill-uffiċjal tal-probation maħtur lilu.

2. L-Uffiċjal tal-probation maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.

3. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċjal tal-probation b'kull bdil li jalvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal tal-Probation skont id-direttivi li tagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċjal tal-Probation; u partikolarment li hu għandu, jekk l-Uffiċjal tal-Probation ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal tal-Probation.

5. Li joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-Probation intiżi li jghinu lill-ħati biex ma jerġax jirrepeti r-reat jew jikkommetti reati oħra.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħatja u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

……………………………………
Ħati : Owen Portelli

Registratur : Maria Grech

Imhallef: Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.